Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9431 — KKR/Grupo Gallardo Balboa)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 247/11)

1. Fit-12 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KKR & Co. Inc. ('KKR', USA), u

— Grupo Gallardo Balboa S.L.U. ('Grupo Gallardo Balboa', Spanja).

KKR takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' Grupo Gallardo Balboa.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— KKR hija ditta ta' investiment globali, li toffri firxa wiesgħa ta' servizzi ta' ġestjoni ta' assi alternattivi lill-investituri tas-suq pubbliċi u privati u tipprovdi soluzzjonijiet għas-swieq tal-kapital għall-impriża, il-kumpaniji tal-portafoll tagħha u klijenti oħra,

— Grupo Gallardo Balboa hija kumpanija holding, bi kwartieri ġenerali fi Spanja, għal diversi korporazzjonijiet tal-produzzjoni tal-azzar li jimmanifatturaw azzar korrugat. Permezz tal-kumpaniji operattivi tagħha, għandha fabbriki madwar il-komunitajiet Spanjoli inkluż f'Extremadura, Madrid, Asturias u País Vasco.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9431 — KKR/Grupo Gallardo Balboa

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.